Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Jannar 2024**
**(OR. en)**

**5139/24**

**LIMITE**

**ELARG 3**

PUBLIC

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 15272/23 + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija dwar l-istabbiliment ta' Kumitati Konsultattivi Konġunti mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni, rispettivament, u l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni |

1. Fit-8 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fis-suġġett (id-dokument 15272/23 + ADD1).

2. Fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE (COELA) eżamina l-proposta u qabel mal-abbozz tat-test, kif jinsab fid-dokument WK 16297/23, suġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

3. Konsegwentement, u suġġett għal konferma mill-Coreper, huwa ssuġġerit li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija dwar l-istabbiliment ta' Kumitati Konsultattivi Konġunti mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni, rispettivament, u l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kif tinsab fid-dokument 16679/23 kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE - Albanija dwar l-istabbiliment ta' Kumitati Konsultattivi Konġunti mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat tar-Reġjuni, rispettivament, u l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kif riveduti mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokument 16679/23 ADD1.

PUBLIC